# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 2**

**Rikors numru 255/10 AL**

**Catherine Cali` Vincenti f'isimha proprju u bhala kuratrici "ad litem" ta' wliedha minuri Suzie, Leah, Eva, Isaac u Jacob**

**v.**

**Stephen Cali`**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mill-attrici Catherine Cali` Vincenti f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri, kif ukoll appell incidentali tal-konvenut Stephen Cali`, mis-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) [l-ewwel Qorti] fit-12 ta' Jannar 2017 [is-sentenza appellata], li permezz taghha dik il-Qorti [1] laqghet it-talba ghall-pronunzjament ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htijiet imputabbli b'mod ugwali liz-zewg partijiet; [2] cahdet it-

tieni talba tal-attrici u ordnat li l-kura u kustodja ta' wlied minuri tal-partijiet tkun wahda kongunta, filwaqt li ffissat ukoll access ghall-konvenut versu wliedu; [3] laqghet it-tielet talba tal-attrici limitatament ghal dak li jirrigwardja l-manteniment tal-minuri, u ordnat lill-konvenut ihallas is-somma ta' €150 kull xahar ghal kull wiehed minn uliedu li huma minuri jew li ghadhom jistudjaw, u dan sakemm jilhqu l-eta` ta' tlieta u ghoxrin sena jew ikunu jahdmu b'mod fiss, skont liema minn dawn ic-cirkostanzi tavvera ruhha l-ewwel, filwaqt li cahdet it-talba tal-attrici ghall-manteniment taghha stante li hija ddekadiet skont il-ligi mid-dritt taghha li titlob u/jew tippercepixxi manteniment minghand zewgha. Ordnat ukoll lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' €5,235 rapprezentanti arretrati tal-manteniment; [4] laqghet ir-raba' talba attrici u ordnat it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u llikwidat l-istess komunjoni; [5] astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici; u [6] cahdet is-sitt talba attrici u filwaqt li akkordat lill-attrici dritt ta' abitazzjoni fid-dar gia` matrimonjali sakemm il-minuri Jacob jaghlaq tmintax-il sena, ordnat l-izgumbrament immedjat taghha mill-istess dar fl-istess data, bl-ispejjez ikunu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**Mertu**

2. Din hija kawza ghal separazzjoni personali fejn il-vertenzi saljenti bejn il-partijiet jikkonsistu fis-segwenti: [i] il-htija ghat-tkissir taz-zwieg,

liema htija il-partijiet jattribwixxu lil xulxin, [ii] il-manteniment li l-attrici tippretendi ghaliha nnifisha minghand zewgha, ghaliex tghid li hija mara tad-dar u omm ta' hamest ulied li qatt ma hadmet, liema pretensjoni l-konvenut jikkontesta billi jghid li martu hija hatja ta' adulterju u ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment minghandu; [iii] il-quantum tal-manteniment li ghandu jhallas il-konvenut ghal uliedu in vista tal-qligh baxx tieghu u l-fatt li skont hu, l-attrici hija kapaci li tahdem u tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' wliedhom; u [iv] il-pretensjoni tal-attrici li tibqa' tabita ma' uliedha fid-dar matrimonjali li tinsab ghand il-partijiet b'titolu ta' lokazzjoni, liema kirja l-konvenut jippretendi li hija parafernali tieghu.

**Is-Sentenza Appellata**

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

> "Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dan illi l-r-rikorrenti taġixxi f'isimha proprju u f'isem uliedha minuri Suzie, Leah, Eva, Isaac u Jacob. Jiġi nnotat li m'hemm ebda kontro-talba da parti tal-intimat".
>
> "Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur u għan-nota ġuramentata[1] tal-attriċi li permezz tagħha telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:
>
> - "Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli lilu;

[1] fol. 23

- “Għal dak li jirrigwarda l-minuri Suzie, Leah, Eva, Isaac u Jacob, tikkontendi li għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tagħhom b’aċċess għall-intimat taħt superviżjoni;
- “Rigward manteniment titlob retta xierqa għaliha u għal uliedha minuri flimkien mal-arretrati; Fin-nota ġuramentata tagħha, l-attriċi ssostni li l-manteniment għandu jkun ta’ €1500.
- “Titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tagħha;
- “Titlob li tiġi assenjata l-beni parafernali u dotali tagħha;
- “Titlob li fid-dar taż-żwieġ jgħixu biss hi u uliedha;

1. “**Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ**

“Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, il-Qorti fl-ewwel lok tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta li jistipula:

> “***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista’ titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***”.

“Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[2] ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri”.

“Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[3] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b’suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m’hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b’mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta’ xi waħda mill-partijiet jew min minnhom”.

“Il-moħqrija, kif imsemmija fl-Artikolu 40 appena ċċitat, bħala bażi għas-separazzjoni personali, ġiet ritenuta minn ġurisprudenza kostanti bħala “sevizzi”.[4] Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[5], deċiża mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta’ Ġunju

---

[2] Deċiża mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta’ Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[3] Deċiża mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta’ Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[4] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta’ Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[5] Vol. XLV C.ii.708

1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"".*

"Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"".*

"Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza tal-Imħallef sabiex jivvalutahom."* Il-Qorti tirrileva wkoll li huwa assodat fil-ġurisprudenza tagħna illi meta wieħed mill-konjuġi jakkuża, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maritali, una volta imbagħad dawn ma jiġux provati lanqas permezz ta' xi ndizji preċiżi u konkordanti, dan jikkostitwixxi inġurja gravi, li anke waħedha tagħti lok għas-separazzjoni".[6]

"L-attriċi taddebita wkoll lil żewġha t-theddid u l-vjolenza. Dwar dawn *"Il-ligi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima"."*[7]

"L-intimat, filwaqt ma jopponiex it-talba għas-separazzjoni personali, jaddebita lil martu bit-tortijiet tal-adulterju, inġurji u sevizzi".

"L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[8] Di piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*""[9]

"Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris

---

[6] Fis-sentenza Vella Marthese pro. et noe. vs. Vella George, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 2466/1996/1PS), il-Qorti ċċitat is-segwenti sentenzi: Sarah Formosa vs. Harry Formosa, Appell Ċivili, 6 ta' Ġunju 1969; Dr. Victor Randon vs. Josephine Randon, Appell Ċivili, 19 ta' Novembru 1976; Doris Mizzi vs. Mario Mizzi, Appell, 19 ta' Mejju 2000;

[7] Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud, Appell Ċivili, 21 ta' Frar 1969

[8] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[9] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP)

Scicluna vs. Anthony Scicluna[10] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*"".

"Permezz tal-affidavit tagħha[11], ir-**rikorrenti** tirrakkonta kif wara ftit tax-xhur li kienu jafu lil xulxin, hija ħarġet tqila bit-tarbija tal-intimat li eventwalment twieldet fit-3 t'Ottubru 1997. Meta twieldet it-tarbija, hija daħlet tgħix mal-intimat f'dar Tas-Sliema li kien jokkupa b'kera. Ftit xhur wara reġgħet inqabdet tqila u wara t-twelid tat-tieni tarbija, kienu ddeċidew illi jiżżewġu. Tilmenta li żewġha kien iktar jagħti attenzjoni lill-ħbieb milli lill-familja u wkoll li kien iħobb jara materjal pornografiku".

"Tirrakkonta episodju meta hija kienet ġiet operata f'daharha u għalhekk lanqas kienet tiflaħ terfa' t-tarbija mis-sodda u kienet talbet l-għajnuna lil żewġha. Dana rrifjuta u kien ser jibqa' ħiereġ. Għalhekk hija kienet ser iċċempel lil oħtha għall-għajnuna, iżda meta ra hekk, l-intimat kien irrabja ferm u beda jagħtiha ġo daharha, għonqha u rasha u jiġbdilha xagħarha. Hija ħarbet għal għand ġara, u meta ndunat li l-intimat kien ħareġ mid-dar u ħalla t-tfal weħidhom, hija marret lura d-dar u ċemplet lil ħuha Paul, li mar jassistiha flimkien mal-għarusa tiegħu, tabiba. Huma tawha l-parir li tirraporta l-inċident lill-pulizija, iżda hi bejn għax beżgħet u bejn għax ħasbet li kien inċident iżolat, ma kinitx irrapportat".[12]

"F'Awwissu 2002, l-intimat kisser il-cot tat-tarbija għax ir-rikorrenti irrifjutat li jkollha relazzjonijiet miegħu. F'April 2003, sawwat lit-tieni wild Leah b'biċċa njama fejn ġiet ċertifikata mill-poliklinika tal–Gżira. Minkejja li beżgħet tirrapporta l-inċident lill-Pulizija, hija kienet marret għand l-Aġenzija Appoġġ".

"F'Settembru 2005, meta kienet tqila bir-raba' wild, hija kkonfrontatu dwar xi sustanzi illeċiti li seta' kien qed jagħmel użu minnhom. Fil-waqt illi ma nnegax, l-intimat kien qabadha minn idha u mbotta lir-rikorrenti ġo ħajt, tant li kellha tmur għand il-ginekoloġista kuranti tagħha. F'dan l-istadju, ukoll ħadet parir legali u għamlet rapport lill-Pulizija".

"F'Ottubru 2008 reġa' sawwat lit-tieni wild, din id-darba b'beritta u qasmilha xoffitha. F'April 2009, f'mument ieħor ta' rabja huwa beda jagħti bil-ponn lill-istess tifla, waddab il-flixkun tal-ħalib tat-tarbija u

[10] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP)
[11] Ara fol. 26 tal-proċess et seq.
[12] Dana l-inċident huwa korraborat mix-xhieda ta' ħu r-rikorrenti Paul Vincenti, fol. 52.

laqatha fuq moħħha fejn għamillha gundalla[13]. Qala' l-bieb tal-kamra u lir-rikorrenti heddidha li ser ikissru fuq rasha. Meta sfidatu qalilha li sejjer isfel biex jgħolli d-dar biċ-ċilindri tal-gass. Ir-rikorrenti ċemplet għall-għajnuna tal-Pulizija li sussegwentement kienu sejħulu biex ikellmuh anke ġewwa l-għassa. Wara dan l-inċident, il-konvenut tella' l-affarijiet tiegħu fis-sular ta' fuq tad-dar u beda jgħix hemmhekk waħdu".

"Tilmenta li kien hemm diversi okkażjonijiet oħra fejn heddidha li ser jiġrilha bħal Silvia King, mara li sfat vittma t'omiċidju faħxi, li ser jidfinha ħajja, li ser iħassrilha wiċċha, li kellu ħbieb li ser jeħilsuh minnha u ħafna theddid ieħor".

"Ir-rikorrenti tilmenta li l-intimat qatt m'għen lit-tfal fl-istudji tagħhom għajr xi kelma fil-Malti. Qatt m'attenda *prize days* jew *concerts* tagħhom. Ma marx għall-Griżma ta' Suzie u Leah u lanqas għall-preċett ta' Eva. Tgħid li hija kienet bħal *single mother* għaliex żewġha ma kienx parteċipi fil-ħajja tal-familja. "*hu ma ħax ir-rwol ta' raġel tal-familja.. Stephen kien iħalli li Catherine tagħmel kollox weħidha u hu qatt ma kien jgħinha jew jipparteċipa jew jagħmel xi ħaġa mal-familja...meta jiġi mil-Libja, Stephen kien jagħmel li jkollu jagħmel eżempju joħroġ mal-ħbieb, imur jistad u dan anke fuq xi dgħajsa ta' ħabib tiegħu u anke kienu jkunu ġurnata fuq il-baħar.*""[14]

"Inoltre', oħtha Victoria Vincenti,[15], xehdet ukoll illi rat lill-intimat isawwat lit-tfal fil-preżenza tagħha. Ikkorraborat ix-xhieda t'oħtha li huwa ma kienx jgħin fix-xogħol tad-dar jew tal-iskola tat-tfal. Lanqas ma kien jattendi l-*parents day* u l-*prize days* tat-tfal, minkejja li hija kienet tagħmilha ta' *babysitter* mat-tfal l-oħra".

"Permezz tal-affidavit tiegħu[16], l-**intimat** jispjega kif minkejja l-fedelta` tiegħu lejn martu, hija dejjem kienet iffissata li hu kien qed ifittex nisa oħra. Hija kienet estremament possessiva tant li lanqas seta' jara mara attrajenti fuq it-televixin. Kienet tikkontrolla l-televixin billi żżomm ir-*remote control* hi. Tellfitu wkoll ix-xogħol għaliex meta kien jagħmel xogħol ta' *turnkey,* kull darba li jkollu klijenta mara, inkluż l-istess oħtha, kienet takkużah li qed ikollu relazzjoni magħha. Meta kien jaħdem l-Għadira, kienet iċċempillu tlieta jew erba' darbiet kuljum u takkużah li għandu relazzjoni mal-*barmaids* u mal-klijenti. Kienet tippretendi li jaqdi biss klijenti rġiel. Jekk ifittixiha għal relazzjonijiet intimi, tgħidlu biex ma jdumx u xi dwejjaq, jekk ma jfittixhiex, takkużah li qed imur ma' ħaddieħor. Għeret ukoll meta xi ħbieb tawh il-kondoljanzi fil-funeral t'oħtu".

[13] Ara r-ritratti esebiti fol. 47, kif ukoll iċ-ċertifikat mediku fol. 46

[14] Xhieda ta' Victoria Cali` (recte: Vincenti) tal-20 ta' Ġunju 2011, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Margaret Mifsud, fol. 307

[15] L-affidavit tagħha jinsab fol. 50 tal-proċess

[16] Fol. 338

"Ma kinitx tħallih jara TV kif irid, ma jistax jilgħab bil-kompjuter. Meta kien jikkastiga lit-tfal billi ma jarawx telvixin, kienet tiksirlu kelmtu u tgħidlu biex jieqaf jhedded".

"L-intimat jiċħad li huwa qatt sawwat lil uliedu jew kien vjolenti fil-konfront tagħha. Jiċħad ukoll diversi episodji li xehdet dwarhom ir-rikorrenti u jittenta jagħti spjegazzjoni tagħhom. Jgħid li ħafna mill-affarijiet li tirrakonta huma biss gideb u li għal kull ħaġa żgħira kienet iċċempel lill-Pulizija. Anzi jżid jgħid li kienet ir-rikorrenti li kienet issawwat lit-tfal ġo rashom u li hu kien iwaqqafha milli tagħmel dan".

"Huwa jallega li martu kellha relazzjoni ma' baħri li ltaqgħet miegħu fuq *cruise liner*. Hija nqabdet tqila minn dan il-baħri, imma temmet it-tqala billi marret l-Ingilterra fejn wettqet abort. Wara dan l-abort, hija kellha tfal oħra fiż-żwieġ. Fl-2009, hija bdiet iddaħħal raġel id-dar. L-intimat qabdu darbtejn jistennih biex jitlaq mid-dar. Hija ammettiet mal-intimat li kienet iddaħħlu d-dar u li dan kien jeċita ruħu malli biss jgħannaqha. F'Lulju 2009 bdiet toħroġ u ddum barra sal-4.30am, mentri l-intimat kien jibqa' d-dar mat-tfal. Kellha wkoll relazzjoni ma' ex-boyfriend tagħha li miegħu skambjat diversi chats u email intimi u amorużi. Lill-intimat kienet tħobb issejjaħlu "kurnut kuntent" u tgħajru b'dawn ir-relazzjonijiet extra-maritali tagħha, f'kull argument ta' bejniethom".

"Fil-fehma tal-Qorti, l-affidavit redatt mix-xhud Claire Gauci Borda[17], jitfa' ħafna dawl fuq is-sitwazzjoni bejn il-partijiet. Mill-qari tal-affidavits l-oħra kollha preżentati mill-partijiet[18], joħroġ perfettament ċar illi hemm ċertament inkompatibilita ta' karattru bejn il-partijiet. Huma jikkontradixxu lil xulxin tista' tgħid fuq kollox".

"Il-Qorti wara li rat l-affidavits u d-dokumenti kollha prodotti, u wkoll il-kontro-eżamijiet tax-xhieda u tal-partijiet tasal għas-segwenti konklużjonijiet:

– "Illi l-intimat huwa ħati ta' theddid u vjolenza fil-konfront ta' martu.

– "Illi r-rikorrenti hija ħatja ta' adulterju u offiżi gravi fil-konfront ta' żewġha.

– "Illi bejn il-partijiet hemm inkompatibilita` ta' karattru u li ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment mingħajr ebda tama ta' rikonċiljazzjoni.

Konsegwentement hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bit-tort attribwibbli liż-żewġ partijiet b'mod ugwali".

---

17 Fol. 438

18 Affidavits ulterjuri tal-attriċi fol. 355, 360, 406 u 407, Affidavit ulterjuri tal-konvenut fol. 427

**2. "<u>Dwar id-Dar Matrimonjali</u>**

"Il-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi dwar id-dar matrimonjali għaliex din id-deċiżjoni ser taffetwa t-talbiet l-oħra kollha".

"Ir-rikorrenti titlob illi hija tkun awtorizzata tirrisjedi fid-dar taż-żwieġ, flimkien m'ulied il-partijiet, bl-esklużjoni tal-intimat. L-intimat jopponi din it-talba. Id-dar matrimonjali hija mikrija lill-intimat mingħand terzi. Din hija d-dar fejn trabba u għex għal ħajtu kollha, u ġġib l-indirizz 60, Triq il-Kulleġġ l-Antik, Tas-Sliema".

*"Pendente lite*, il-partijiet irnexxilhom isibu *modus vivendi* aċċettabbli għaż-żewġ partijiet, billi d-dar matrimonjali hija komodament diviżibbli f'żewġ units. F'April 2009, l-intimat beda jgħix in iżolament fis-sular ta' fuq tal-istess dar fejn għandu kamra tas-sodda, salott u kamra tal-banju u bi ħsiebu jagħmel kċina. Ir-rikorrenti u l-ulied baqgħu jgħixu isfel. Huma għandhom komuni l-bieb ta' barra u l-entrata tad-dar. Minkejja li dan l-arranġament ma jnaqqasx għal kollox it-tensjoni ta' bejn il-koppja, għaliex xorta waħda jafu x'qed jiġri fil-ħajja ta' xulxin, jidher li huwa l-arranġament idejali biex ħadd mill-partijiet ma jallontana ruħu mid-dar taż-żwieġ".

"Il-Qorti tirrileva illi tenut kont illi l-kirja tad-dar hija dritt parafernali tar-raġel, u tenut kont li l-mara wettqet adulterju fil-konfront ta' żewġha, fi kwalunkwe każ ieħor, kienet tordna l-iżgumbrament immedjat tal-mara minn ġo l-istess dar. Iżda fil-każ odjern, il-Qorti ma tistax tiddeċiedi hekk malajr, mingħajr ma tqis x'inhu l-aħjar fl-interess tal-ulied. M'huwiex faċli li tinstab residenza alternattiva li takkomoda ħamest'itfal b'mod tajjeb, b'mod li l-ħamsa li huma jkunu komdi u ma jbatux iktar minħabba d-differenzi bejn il-ġenituri tagħhom. Min-naħa l-oħra l-intimat għandu raġun jinsisti li ma jitlaqx mid-dar fejn trabba u dejjem għex".

"Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, u fl-aħjar interess tal-ulied, il-partijiet jibqgħu it-tnejn jgħixu fid-dar matrimonjali bl-arranġament li hemm illum u cioe illi l-intimat jgħix ad esklużjoni ta' martu fil-parti ta' fuq tad-dar, b'dana illi r-rikorrenti ma jkollha l-ebda dritt illi taċċedi għal din il-parti tad-dar, u l-ebda dritt tindaħal fil-ħajja privata tal-intimat fir-rigward ta' min idaħħal fil-parti tiegħu tad-dar. Bl-istess mod, l-intimat ma jaċċedix għall-parti t'isfel tad-dar, għajr għall-partijiet li huma komuni bħat-taraġ u l-entrata. L-intimat jibqa' responsabbli għall-ħlas puntwali tal-kera tal-imsemmi fond".

"Min-naħa tagħha, ir-rikorrenti għandha taċċerta illi l-parti tad-dar okkupata minnha tinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u ma titħalliex agħar milli hija llum. Il-partijiet ikunu ugwalment responsabbli

għall-manutenzjoni straordinarja li tista' tinħtieġ id-dar u li tkun ir-responsabilita' tagħhom qua inkwilini".

"L-attriċi tirritjeni dan id-dritt t'abitazzjoni fid-dar sakemm l-iżgħar mill-ulied, cioe Jacob, jagħlaq it-tmintax-il sena, f'liema jum id-dritt t'abitazzjoni tagħha jintemm u hija għandha tiżgombra b'mod immedjat mill-istess dar. F'dak l-istadju, l-ulied kollha jkollhom l-eta` tagħhom u tkun deċiżjoni tagħhom jekk jibqgħux jgħixu f'din ir-residenza ma' missierhom, jew inkella jingħaqdux ma' ommhom f'residenza alternattiva".

"Id-dritt t'abitazzjoni qiegħed jingħata wkoll bil-kondizzjoni li fl-istess fond hija awtorizzata tirrisjedi biss l-attriċi u d-dixxendenti tagħha u ebda terz ieħor. Ir-rikorrenti ma tistax tuża l-post biex tipperċepixxi dħul, iżda biss bħala residenza għaliha. Id-dritt t'abitazzjoni jiġi terminat f'każ illi xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet tiġi miksura jew jekk ir-rikorrenti tiddeċiedi li tirrinunzja għall-istess dritt, anke b'mod taċitu billi tmur tirrisjedi f'post ieħor, eskluż sptar, b'dan illi ladarba hija hekk tirrinunzja, tali rinunzja tkun irrevokabbli u r-rikorrenti ma jkollhiex dritt li terġa' tidħol tirrisjedi fl-imsemmi fond mill-ġdid".

"Il-partijiet iħallsu b'mod ugwali bejniethom il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Filwaqt illi kull parti tħallas għal servizzi oħra li jogħġobha ddaħħal fil-parti tad-dar minnha okkupata".

**3. "<u>Dwar il-Kura u Kustodja u Aċċess tal-minuri Suzie, Leah, Eva, Isaac u Jacob</u>**

"Kif ġja intqal, il-partijiet għandhom ħames ulied. Possibilment ulied il-partijiet Suzie u Leah huma llum maġġorenni u dana stante li meta ġew intavolati l-proċeduri fl-2010 huma ġja kellhom l-eta` ta' tnax u ħdax-il sena rispettivament".

"Din il-Qorti dejjem irriteniet li t-talba ta' kura u kustodja għandha tiġi determinata u deċiża skond il-prinċipju tal-aħjar interessi tal-minuri. Wara li din il-Qorti semgħet il-provi kollha miġbura fil-mori tal-kawża, hija moralment konvinta li m'hemm l-ebda detriment fuq il-minuri illi l-kura u l-kustodja tagħhom tibqa' waħda konġunta. Ma jirriżultawx dawk l-estremi li jattiraw iċ-ċaħda tal-kustodja lill-missier. Minkejja li l-missier mill-inqas f'okkażjoni waħda weġġa lil bintu Leah, il-Qorti hija konvinta li l-intimat iħobb lil uliedu u li l-animożita tiegħu hija ndirizzata biss lejn martu. Il-Qorti temmen lill-intimat meta qal li huwa dejjem żamm milli jissepara minn ma' martu, b'rispett lejn uliedu".

"Illi l-ulied għandhom jibqgħu jirrisjedu regolarment mal-omm, anke jekk dina jogħġobha tallontana ruħha mid-dar ġja matrimonjali. Fi kwalukwe każ, il-missier għandu jkollu aċċess għal uliedu mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa għal tliet sigħat kull darba, liema aċċess jsir skond

l-esiġenzi tal-minuri u tal-attivitajiet tagħhom, li dwarhom ma nġiebet ebda prova. Fin-nuqqas li l-partijiet jilħqu ftehim amikevoli dwar il-jiem u l-ħin tal-aċċess, il-Qorti tistieden lill-partijiet sabiex permezz ta' nota jindikaw il-ħinijiet li fihom kull wieħed mill-minuri jkollu xi attivita` sabiex il-Qorti tagħti digriet *ad hoc* dwar il-jiem u l-ħin li fih jiġi eżerċitat l-aċċess tal-minuri versu l-missier".

4. "**Dwar il-Manteniment**

"L-attriċi qiegħda titlob manteniment għaliha personalment kif ukoll għal uliedha minuri Suzie, Leah, Eva, Isaac u Jacob. M'huwiex magħruf jekk l-ulied il-kbar Suzie u Leah għadhomx jistudjaw jew ossia għandhomx impjieg għaliex ma jirriżulta xejn dwar dan mill-atti".

"L-intimat ma jopponiex it-talba tar-rikorrent għall-manteniment tal-ulied dment li dana jkun raġjonevoli skond il-mezzi finanzjarji tiegħu. Huwa jopponi għall-manteniment tal-attriċi nnifisha".

"Sal-lum, il-manteniment huwa regolat permezz ta' digriet illi ingħata fl-istadju ta' medjazzjoni iddatat it-28 ta' Lulju 2010, fejn il-Qorti ordnat illi *pendente lite*, l-intimat għandu jħallas lir-rikorrenti is-somma ta' €466 kull xahar għat-tfal u €233 fix-xahar għaliha[19]".

"Dwar il-manteniment tar-rikorrenti, il-Qorti tirrileva illi ladarba l-attriċi hija ħatja ta' adulterju fil-konfront ta' żewġha, hija ddekadiet mid-dritt tagħha li titlob u/jew li tipperċepixxi manteniment minn għandu u dana ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili".

"Ir-rikorrenti ħadmet bi qligħ sakemm il-partijiet kellhom l-ewwel wild, imbagħad hija rrinunzjat għax-xogħol tagħha biex setgħet tieħu ħsieb it-tfal li twieldu miż-żwieġ".

"L-intimat fil-bidu tar-relazzjoni tagħhom kien jaħdem fil-Libja u dam jaħdem hekk sal-2002. Kien imbagħad self-employed jagħmel xogħol ta' *turnkey* sakemm imbagħad beda jaħdem b'impjieg fiss mal-Adira Lido. Wara dan ix-xogħol huwa kien diżokkupat u dam sena u ftit xhur bla xogħol, sakemm sab impjieg ieħor. Fil-frattemp, kien qed jirreġistra u jipperċepixxi xi benefiċċji soċjali. Id-dipartiment kien qed jgħaddi lil mara nofs il-benefiċċji tal-qagħad. F'dan iż-żmien li kien bla xogħol, l-intimat waqa' lura bil-pagamenti tal-manteniment, tant illi diversi drabi ir-rikorrenti kellha titlob l-intervent tal-Qorti tal-Maġistrati biex tieħu dak dekretat favur tagħha".

"F'dan il-perjodu, billi r-rikorrenti ma bdietx tlaħħaq mal-ħajja, missierha t-tabib Joseph Vincenti ħassu fid-dmir li jitmagħhom kull nhar ta' Ħadd u wkoll jipprovdi groceries u sapun u detergents, kif

[19] Kopja legali ta' dan id-digriet tinsab a fol. 331

ukoll jgħaddilha xi flus sija kontanti kif ukoll jitrasferilha fil-kont bankarju[20]. Anke oħt ir-rikorrenti Catherine Vincenti kienet tgħaddilha xi flus *"I have given Catherine money for groceries, pets' food, veterinarian fees, doctors' fees, medicines, school outings, school books, school stationery, petrol, and clothing over the years when she was desperate.""*[21]

"Ir-rikorrenti ippreżentat ukoll prospett tal-manteniment li baqa' ma tħallasx mill-konvenut, liema arretrati laħħqu s-somma ta' €5,235".[22]

"L-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16) tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied***.""

"Din il-Qorti dejjem irritjeniet ukoll li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda għal kull buon fini tikkonferma illi l-intimat għadu jħallas lill-attriċi dak li għadu dovut bħala manteniment ai termini tad-digriet ġja ċċitat. Konsegwentement tordna lill-intimat sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' ħamest'elef, mitejn u ħamsa u tletin Ewro (€5,235) rappreżentanti arretrati tal-manteniment".

"F'dan l-istadju, il-Qorti tqiegħda tvarja id-digriet tagħha tat-28 ta' Lulju 2010 billi tordna lill-intimat iħallas is-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€150) kull xahar għal kull wieħed minn uliedu li huma minuri jew li għadhom jistudjaw u dana sakemm jilħqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena jew ikunu jaħdmu b'mod fiss, liema minn dawn iċ-ċirkostanzi tavvera ruħha l-ewwel. Il-manteniment li qed jiġi ordnat, ikun jinkludi wkoll is-sehem tiegħu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess ulied (tenut kont li l-intimat qed jipprovdi lill-minuri saqaf fuq rashom u ser ikun qed iħallas nofs id-dawl u l-ilma). Il-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jinqata' direttament mill-introjtu jew minn kwalsiasi benefiċċju perċepit mill-intimat".

"L-attriċi tibqa' tipperċepixxi c-*children's allowance* u kwalsiasi benefiċċju ieħor dovut għall-minuri".

[20] Affidavit ta' Joseph Vincenti, fol. 48
[21] Affidavit ta' Victoria k/a Vicky Vincenti, fol. 51
[22] Fol.365

**5.** "**Dwar it-Terminazzjoni u Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti**

"Formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-partijiet akkwistaw diversi mobbli matul iż-żwieġ, li l-attriċi elenkat fin-nota ġuramentata tagħha.[23] Huma għandhom ukoll debitu ma' missier ir-rikorrenti li għen lill-partijiet jixtru vettura ġdida għall-użu tar-rikorrenti u t-tfal stante li l-intimat kien ħabat bil-karozza tagħha. Il-bilanċ ta' dan id-debitu fl-1 ta' Mejju 2008 kien ta' €2295[24]. Fl-affidavit tiegħu[25], missier ir-rikorrenti kkonferma li dan l-ammont għadu ma ġiex saldat".

"Inoltre possibilment hemm diversi debiti fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, mal-GO p.l.c. u arretrati fuq il-ħlas tal-liċenzja tat-televixin. Dwar dawn id-djun, jirriżulta li dawna kollha saru matul iż-żwieġ tal-partijiet".

"Il-Qorti hija tal-fehma li l-mobbli akkwistati fiż-żwieġ jibqgħu jitgawdew mir-rikorrenti u minn uliedha sakemm ir-rikorrenti tibqa' tgħix fid-dar ġja matrimonjali. L-istess mobbli jitħallew fid-dar meta l-attriċi titlaq minnha u jkunu propjeta assoluta u esklussiva tal-intimat. L-attriċi hija fid-dmir li tippreserva l-istess mobbli u li tikkonsenjahom lura fi stat tajjeb salv għal *fair wear and tear"*.

"Rigward id-debiti tal-konjuġi Cali`, il-Qorti qiegħda tassenja lir-rikorrenti l-mara id-debitu favur missierha Dr. Joseph Vincenti, filwaqt illi tassenja lill-intimat id-debiti kollha **sal-lum** ma' GO p.l.c., ARMS Limited u arretrati tal-liċenzja tat-televixin. L-intimat qed jiġi assenjat ukoll, ad esklużjoni ta' martu, kwalsiasi dejn li seta' għamel ma' ħbieb jew qraba tiegħu kif isemmi fl-affidavits tiegħu".

"Kull parti qed tiġi wkoll assenjata, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, il-vettura regolarment misjuqa minnu / minnha".

"Illi għaldaqstant il-Qorti qiegħda tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet, u tillikwidaha kif ġej:

- "Tassenja lill-intimat il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali, bid-dritt tat-tgawdija tagħhom favur ir-rikorrenti sakemm tibqa' tirrisjedi fid-dar ġja matrimonjali;
- "Tassenja lill-intimat kwalsiasi debitu li **sal-lum** għadu pendenti rigwardanti servizzi u konsum ta' dawl u ilma, liċenzja tat-televixin u GO p.l.c.
- "Tassenja lir-rikorrenti d-debitu fl-ammont ta' elfejn, mitejn u ħamsa u disgħin Ewro (€2295) dovuti lil missierha, flimkien ma' kwalsiasi interessi li ddekorrew fuqu.

[23] Fol. 23

[24] Ara l-irċevuta esebita fol. 39

[25] Fol. 48

- “Tassenja lil kull parti l-vettura regolarment misjuqa minnu / minnha.

**6.** “**Dwar il-beni parafernali u dotali tar-rikorrenti**

“L-eżistenza ta’ dawn l-oġġetti parafernali jew dotali m’hijiex ippruvata, u lanqas ma nġiebet l-iċken prova dwar fejn jistgħu jinsabu dawn l-oġġetti. Għalhekk il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tal-istess talba”.

## L-Appell

4. L-attrici pprezentat l-appell taghha b’rikors datat 1 ta’ Frar 2017 li permezz tieghu talbet illi din il-Qorti

> “tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-12 ta’ Jannar 2017 billi tikkonfermaha inkwantu ppronunzjat s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjugi Cali` izda tannulla, tikkancella u tirrevoka l-istess in kwantu sabet illi l-attrici appellanti kellha xi htija ghat-tkissr taz-zwieg tal-partijiet; u tannulla, tikkancella u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn cahdet it-talba tal-attrici appellanti ghall-manteniment taghha minghand zewgha stante li iddekadiet mill-istess u minflok tordna illi l-appellat ihallas dik ir-retta alimentari mensili lill-attrici appellanti li ghandha tigi kkalkulata skont il-mezzi tieghu u l-bzonnijiet tal-istess attrici appellanti in vista tal-fatt illi bl-agir taghha l-attrici appellanti ma tista’ qatt tigi kkunsidrata li ddekadiet mid-dritt taghha li tippercepixxi manteniment minghand zewgha ai termini tal-Artikolu 48 ta’ Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta”.

5. L-aggravji tal-attrici jirrigwardaw:- [i] l-imputazzjoni lilha ta’ htija ghas-separazzjoni personali u d-dekadenza taghha mid-dritt li tippercepixxi manteniment minghand zewgha, u [ii] in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tikkonsidra l-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili minflok l-Artikolu 48.

6. Ghal dan l-appell, il-konvenut ipprezenta risposta fl-20 ta' April 2017 fejn, ghar-ragunijiet esposti fl-istess risposta, huwa sostna li l-appell tal-attrici ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghha, ghaliex huwa ressaq bosta provi in sostenn tal-adulterju ta' martu, u kwimdi l-ewwel Qorti kienet gusta meta waslet ghall-konkluzjoni li l-attrici kkommettiet adulterju u applikat fil-konfront taghha l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

7. Permezz tal-istess risposta tal-appell, il-konvenut ressaq appell incidentali fejn talab illi s-sentenza appellata tigi riformata billi din il-Qorti

> "... ... ... tikkonfermaha inkwantu ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjugi Cali`, izda tannulla tikkancella u tirrevoka l-istess fejn sabet lir-ragel kellu htija ghat-tifrik taz-zwieg u tannulla tikkancella u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn akkordat dritt lil mara tghix fil-post matrimonjali ma' zewgha sakemm l-izghar wild jaghlaq it-tmintax-il sena, fejn ordnat lir-ragel ihallas is-somma ta' 150 Ewro bhala manteniment ghall kull wild u minflok tnaqqas is-somma, tordna lil mara tirrifondi l-manteniment imhallas lilha ghaliha."]

8. L-aggravji tal-konvenut huma in succinct, is-segwenti [i] id-dikjarazzjoni fis-sentenza appellata li huwa wkoll hati tal-firda minhabba theddid u vjolenza; [ii] id-dritt ta' abitazzjoni fid-dar matrimonjali moghti lill-attrici; [iii] il-quantum ta' manteniment pagabbli għal uliedhom u [iv] il-pretensjoni tieghu ghar-rifuzjoni tal-hlas ta' manteniment li huwa kien

hallas lill-attrici, liema dritt ghall-hlas ta' manteniment hi ddekadiet minnu meta nstabet hatja ta' adulterju.

9. L-attrici wiegbet ghal dan l-appell incidentali permezz ta' risposta pprezentata fis-26 ta' Lulju 2016 fejn, ghar-ragunijiet esposti fl-imsemmija risposta, hija ssottomettiet li l-appell incidentali tal-konvenut ghandu jigi michud.

**L-Aggravji tal-Appell Principali**

*L-Ewwel Aggravju*

10. Permezz tal-ewwel aggravju taghha, l-attrici tikkontendi illi l-ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata fl-apprezzament tal-provi mressqin quddiemha. Skont l-istess attrici, oltre li kien hemm nuqqas assolut ta' provi in sostenn tal-allegazzjoni li hija kkomettiet adulterju, hija minn dejjem cahdet b'mod kategoriku u kostanti kull tip ta' allegazzjoni li hi kienet adultera. Tilmenta wkoll illi, l-fatt li hija kienet rapprezentata fil-proceduri in prim' istanza minn avukati tal-ghajnuna legali, wassal sabiex ma sarx kontro-ezami tal-konvenut u tax-xiehda minnu mressqa, senjatament ix-xhud Claire Gauci Borda. Fl-istess waqt, l-attrici tikkontendi illi n-nuqqas ta' kontro-ezami ma ghandux jigi mfisser bhala

ammissjoni tacita ta' dak allegat u ma ghandu jnaqqas xejn mis-sahha tal-principju *actor non probante reus absolvitur*.

11. Il-konvenut iwiegeb ghal dan l-aggravju billi jghid illi huwa ressaq bosta provi li wasslu lill-ewwel Qorti taqbel illi martu kienet adultera u jiccita *verbatim* fir-risposta tal-appell tieghu, id-diversi siltiet mid-depozizzjoni tieghu u tax-xhieda mressqin minnu, li skont hu jissostanzjaw l-adulterju ta' martu.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

12. Dan l-aggravju huwa evidentement dirett lejn l-evalwazzjoni tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, kompriza il-kredibbilità tax-xhieda, li wasslitha biex tikkonkludi li l-attrici hija hatja ta' adulterju. In propositu, jigi osservat illi fit-trattazzjoni tal-ewwel aggravju taghha, l-attrici llimitat il-kontestazzjoni taghha ghall-konkluzjoni dwar il-htija taghha abbazi tal-adulterju u mhux ukoll tal-offizi gravi li l-ewwel Qorti wkoll sabitha hatja taghhom. Dan huwa evidenti mill-korp tal-ewwel aggravju taghha, fejn l-attrici ccentrat il-lanjanzi taghha fuq l-allegazzjoni tal-adulterju u l-abbort li ghamlet in segwitu ghat-tqala taghha wara li kellha relazzjoni adultera.

13. F'materja ta' apprezzament ta' provi, jigi ribadit[26] illi din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim'istanza, hlief meta l-apprezzament tal-provi jkun manifestament zbaljat jew ghax ikun hemm ragunijiet serji[27]. Dan ma jsirx "sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja ta' apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta" [App.C. ***Paul Formosa vs Salvu Debono*** deciza 5/10/2001].

14. Hija tabilhaqq il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja illi:- "… ... ... hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha". (**Borg v. Galea**, Appell, 3 ta' Marzu 2011).

[26] App.S 47/06 ***Therese Pace vs Camela Borg***, deciz 18 Lulju 2017

[27] App.C. ***Emanuel Cardona et vs Dr. Graham Busuttil*** **et** 10/01/1995

15. "Din il-Qorti pero` tapprezza wkoll li xorta hu d-dover taghha li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-akta recenti u kostanti fil-materia"[28]. Proprju ghalhekk, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-partijiet in materja tal-adulterju tal-attrici kif ukoll l-atti kollha processwali, izda ma rravvizat xejn fl-atti li tista' tipperswadiha illi ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi kienet sodisfatta dwar l-adulterju kommess mill-attrici.

16. Rigward din l-allegazzjoni ta' adulterju u fl-assjem tal-provi kollha akkwiziti, partikolarment ix-xhieda dettaljata tal-konvenut ikkorroborat mix-xhieda ta' huh Marcel Cali` u iktar sinjifikanti minn hekk, mix-xhieda ta' Claire Gauci Borda, jigi osservat li l-provi f'din il-kawza ma baqghux fuq livell ta' suspetti u kongetturi, izda fil-fehma ta' din il-Qorti jwasslu ghall-prova fuq bilanc ta' probabbilitajiet, li l-attrici kellha relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohrajn.

17. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi ghandha tinghata piz lid-depozizzjoni ta' Claire Gauci Borda, prodotta mill-konvenut. Din ix-xhud ghandha titqies bhala imparzjali mhux biss ghaliex kienet habiba

---

[28] App. ***Attard v Direttur tas-Sahha***, 31 Mejju 2014, riprodotta b' approvazzjoni fil-kawza App.S ***Joseph John Parnis vs Mary Parnis***, 31 Ottubru 2014.

intimata tal-attrici, izda ghaliex kienet ukoll il-gara taghha u kienet midhla tad-dar matrimonjali tal-partijiet fuq bazi regolari. Inoltre, l-attrici baqghet ma tat ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha twarrab id-depozizzjoni ta' din ix-xhud jew ghaliex il-verzjoni taghha ma ghandhiex titqies bhala verosimili u affidabbli. Pjuttost, din il-Qorti tosserva li, bhala persuna li jidher li kienet f'kuntatt mal-attrici prattikament kuljum fuq perijodu ta' tliet snin u nofs, f'liema perjodu d-diffikulatjiet matrimonjali bejn il-partijiet lahqu l-qofol taghhom, din ix-xhud ma setghetx hlief tkun konsapevoli dwar id-dettalji kollha tal-incidenti bejn il-partijiet. Barra minn hekk, din ix-xhud stqarret li kienet l-attrici stess li kienet tinsisti li taqsam maghha regolarment id-dettalji kollha tal-hajja matrimonjali kif ukoll il-hsibijiet intimi taghha.

18. Jigi osservat ukoll illi d-depozizzjoni ta' Claire Gauci Borda, pjuttost milli *detto del detto*, evidentement tikkonsisti f'rakkont personali ta' stqarrijiet u kliem li ntqal lilha direttament mill-attrici jew li semghet b'widnejha, u ta' incidenti li rat b'ghajnejha. Fosthom, Claire Gauci Borda spjegat li kienet l-attrici stess li qaltilha dwar l-episodju tal-bahri li kienet intima mieghu meta marret fuq *cruise* ma' ohtha u t-tfal, filwaqt illi rat ukoll b'ghajnejha l-emails b'kontenut sesswali li baghtet l-attrici lill-eks gharus taghha. Huwa evidenti li x-xhud ma setghetx tkun taf b'certu diskors jekk mhux mill-attrici nnifisha, u ma setghetx tkun taf bl-incidenti

li ddeskriviet fl-Affidavit taghha, jekk mhux ghaliex kienet prezenti u rathom hi stess.

19. Mizmum ferm il-premess, din il-Qorti ma ghandha ebda diffikulta` temmen lil din ix-xhud u, anke fl-isfond tar-relazzjoni mqanqla bejn il-partijiet, il-Qorti tqis illi din il-verzjoni, maghdud maghha x-xhieda tal-konvenut u ta' huh izda mehud kont ukoll tat-taghlim gurisprudenzjali fuq espost in materja tal-prova dwar l-adulterju, tikkostitwixxi prova konklussiva f'dan il-kaz dwar l-adulterju tal-attrici.

20. Mizmum ferm il-premess, u biex tittratta t-tieni aspett ta' dan l-aggravju tal-attrici, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi minkejja l-principju *affirmanti, non negat, incumbit probatio*, huwa minnu illi l-attrici ma kkontestatx b'mod effikacji l-allegazzjonijiet tal-adulterju fil-konfront taghha. Tosserva illi kuntrarjament ghal dak li ssostni l-attrici fir-rikors tal-appell taghha, ma jirrizultax mill-atti processwali illi hi "*minn dejjem cahdet kull tip ta' akkuza li hi kienet adultera b'mod konkret u konstanti*". Pjuttost, jirrizulta bhala fatt illi tul il-kors kollu tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, l-uniku accenn li ghamlet l-attrici ghall-allegazzjonijiet skjetti ta' adulterju li saru ripetutament fil-konfront taghha, huwa fis-segwenti dikjarazzjoni taghha:-

"*His accusations with reference to my having had affairs are totally untrue and offensive.*"[29]

21. Din il-Qorti tifhem illi l-iskarsita` fil-kontestazzjoni tal-attrici kontra l-allegazzjonijiet ta' adulterju, kuntrarjament ghal dak li tallega l-istess attrici, m'hijiex dovuta ghal xi nuqqas ta' opportunita` ta' kontestazzjoni ta' dawn l-allegazzjonijiet jew ghaliex l-attrici ma kienetx rapprezentata jew assisita legalment. Dan qed jinghad ghaliex din il-Qorti tinnota li ghalkemm l-attrici hadet hsieb tikkontradixxi b'mod preciz u metikoluz kull allegazzjoni li ghamel zewgha fl-affidavit tieghu dwar kull episodju jew incident, anke billi pprezentat mhux affidavit wiehed biss[30], izda erba' affidavits ilkoll ezawrjenti[31], baqghet qatt ma ghamlet ebda accenn ulterjuri ghall-allegazzjonijiet dettaljati dwar l-adulterju taghha, lanqas fl-affidavit li pprezentat f'ghamla ta' risposta ghad-depozizzjoni ta' zewgha[32]. Jigi osservat ukoll illi, filwaqt illi l-affidavit tal-konvenut fejn saru ghall-ewwel darba l-allegazzjonijiet tal-adulterju fil-konfront tal-attrici gie pprezentat fil-31 ta' Jannar 2012, l-attrici ddikjarat tramite l-avukat taghha li ma ghandhiex iktar provi, ben disa' xhur wara, fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012, li ghaliha kienet prezenti. Huwa

[29] Fol. 360.

[30] L-ewwel affidavit gie pprezentat fis-16 ta' Dicembru 2010, a fol. 26 *et seq*.

[31] Ipprezentati waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2012, **Dok. XY** u **Dok. XYZ**, u fit-18 ta' Ottubru 2012 a fol. 407 *et seq*.

[32] Ipprezentata fil-31 ta' Jannar 2012.

ghalhekk manifest illi l-attrici kellha kull opportunita` li tressaq provi ulterjuri biex tikkontradixxi dawn l-allegazzjonijiet dwar adulterju, b'mod ferm iktar effettiv milli fil-fatt sar.

22. Inoltre, b'referenza ghall-ilment ulterjuri tal-attrici illi hi kienet vittma tan-nuqqas ta' rizorsi tas-sistema tal-ghajnuna legali ghaliex kienet rapprezentata minn diversi avukati tal-ghajnuna legali li baqghu ma ghamlux kontro-ezami tal-konvenut u ta' Claire Gauci Borda, ikun opportun li jsiru s-segwenti osservazzjonijiet. Sakemm l-attrici ressqet il-provi kollha taghha u ghalqet il-provi, u sal-ahhar tas-sena 2014, hi baqghet rapprezentata mill-istess avukat tal-ghajnuna legali li kien ipprezenta l-kawza, kien biss fil-bidu tas-sena 2015 li l-attrici giet assenjata avukat iehor tal-ghajnuna legali li baqa' jassistiha sakemm inghata is-sentenza appellata. Barra minn hekk, l-attrici kienet ukoll debitament rapprezentata mill-imsemmija avukati taghha f'kull seduta quddiem l-Assistenti Gudizzjarji li quddiehom instemghu il-provi, u apparti d-diversi rikorsi li saru minnha fil-mori tal-proceduri in prim'istanza, hija wiegbet ukoll tempestivament ghal kull rikors intavolat mill-konvenut f'din il-kawza. Fuq kollox pero`, jirrizulta illi kemm l-attrici kif ukoll l-avukat taghha, kienu prezenti meta giet iffissata seduta ghat-8 ta' Marzu 2016 specifikatament sabiex isiru l-kontro ezamijiet da parti taghha, bhalma kienu entrambi prezenti fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2016

fejn l-istess avukat taghha fil-prezenza tal-attrici ddikjara li ma ghandux kontro-ezamijiet x'jaghmel. Ferm il-premess, din il-Qorti tqis li l-ilmenti tal-attrici fir-rigward m'humiex f'lokhom.

23. Ghalkemm din il-Qorti taqbel illi n-nuqqas li jsir kontro-ezami ta' xhud ma jsarrafx *ut sic* f'ammissjoni implicita tal-kontenut tad-depozizzjoni tqis ukoll illi dan in-nuqqas inevitabbilment idghajjef il-kontestazzjoni tal-parti l-ohra ta' dawk l-allegazzjonijiet li setghu gew diretti kontriha mix-xhud, u finalment ukoll it-tezi tal-istess parti. Tqis ukoll bhala pjuttost fiergha s-sottomissjoni li ghamlet l-attrici fir-rikors tal-appell taghha, illi in-nuqqas ta' reazzjoni jew kontestazzjoni formali ta' argument jew allegazzjoni imressqa mill-parti l-ohra, ghandu jitqies bhala kontestazzjoni. Hawnhekk mhux qeghdin fil-kamp tal-kontumacja fejn dan l-argument tal-attrici kien ikollu mis-sewwa, izda fil-kamp tal-provi fejn l-applikazzjoni tal-principju *actor non probante reus absolvitur,* galadarba tkun saret il-prova, tesigi li l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-parti opposta biex, jekk jidhrilha, tressaq provi kuntrarji biex iqieghed fid-dubju l-prova akkwizita.

24. Fil-kaz odjern, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi fl-assjem tal-provi kollha akkwiziti, l-adulterju tal-attrici gie ippruvat mill-konvenut u mix-xiehda li ressaq, u ghalhekk ma thossx li hemm ragunijiet validi biex

tvarja dak li l-ewwel Qorti ddecidiet fid-diskrezzjoni taghha a bazi tal-provi voluminizi li kellha quddiemha.

25. Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-attrici ma huwiex fondat u qed jigi respint.

*It-Tieni Aggravju*

26. L-attrici tilmenta ulterjorment bid-decizjoni tal-ewwel Qorti li, in kwantu sabitha hatja ta' adulterju, applikat fil-konfront taghha s-sanzjoni tat-telf tad-dritt taghha li ggieghel lil zewgha jmantniha skont l-Artikolu 48. L-attrici tikkontendi illi l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-applikazzjoni, minflok, tal-Artikolu 149 fil-konfront taghha billi hija qatt ma hadmet u ddedikat hajjitha biex trabbi lil hamest uliedha li ghadhom ilkoll jghixu maghha sal-lum.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

27. L-Artikolu 149 tal-Kodici Civili jistipola:-

> **149.** B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel.

28. Dwar dan it-tieni aggravju, din il-Qorti tqis li ma tantx hemm wisq xi tghid, specjalment wara li ddecidiet li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-attrici hija hatja ta' adulterju, hija wahda tajba u f'lokha. Id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 huma cari fis-sens illi l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplati mill-istess Artikolu hija mandatorja fil-konfront ta' dik il-parti li hija hatja ghall-firda minhabba adulterju.

29. F'kull kaz pero`, din il-Qorti tqis ukoll illi l-Artikolu citat mill-attrici ma jistax, b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni, isib riskontru f'dan il-kaz. Dan ghaliex huwa manifest illi l-aggravju tal-attrici huwa mmirat lejn ir-reintegrazzjoni fid-dritt taghha li tkompli tigi mantnuta minn zewgha l-konvenut, liema dritt hija tilfet irrimedjabbilment bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48 fil-konfront taghha. Huwa minnu illi l-attrici tipprova tiggustifika dan l-aggravju billi tilmenta illi t-telf tad-dritt taghha ghall-manteniment sejjer jincidi negattivament fuq il-kapacita` taghha illi tkompli tikkura lil uliedha kif ukoll sejjer jirreka pregudizzju lill-istess uliedha, izda fl-ahhar mill-ahhar, dak li evidentement trid l-attrici huwa li jintraddilha lura d-dritt tal-manteniment taghha nnifisha. Din it-talba kjarament tezorbita mill-ambitu tal-Artikolu 149 li evidentement huwa mmirat lejn, *inter alia*, il-proprjeta` ta' minuri u mhux tal-konjugi. L-aggravju ossia t-talba tal-attrici f'dan il-kaz, jikkoncerna l-manteniment taghha nnifisha u mhux tal-minuri. Din il-Qorti ghalhekk ma tarax kif l-

Artikolu 149 jista' jopera sabiex jeghleb l-effetti tal-Artikolu 48 li, f'kull kaz bhalma gia` inghad, huma mandatorji f'dan il-kaz. Ferm il-premess, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-gudizzju tal-ewwel Qorti, anke tenut kont tal-fatt illi l-attrici instabet hatja wkoll tal-firda minhabba offizi gravi fil-konfront tal-konvenut.

30. Ghaldaqstant, it-tieni aggravju tal-attrici wkoll huwa infondat u jimmerita li jigi michud.

**L-Appell Incidentali tal-Konvenut**

*L-Ewwel Aggravju*

31. Il-konvenut jibda billi jilmenta illi fid-dawl tal-provi kollha akkwiziti, l-ewwel Qorti messha waslet ghall-konkluzjoni illi z-zwieg tkisser unikament minhabba tortijiet imputabbli lil martu u mhux ukoll lilu, ghaliex huwa qatt ma kien vjolenti lejha u lanqas fil-konfront ta' uliedu, oltre li lanqas qatt ma hedded lil martu. In sostenn ta' dan l-aggravju, il-konvenut jiggustifika l-agir tieghu fid-diversi incidenti fejn l-attrici ddeskriviet l-imgieba aggressiva tieghu fil-konfront taghha u tal-minuri, billi jirriproduci *verbatim* mix-xhieda tieghu, l-estratti relevanti tal-verzjoni tieghu.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

32. Ghal dan l-aggravju, li wkoll huwa msejjes fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, isibu applikazzjoni l-istess konsiderazzjonijiet maghmula riferibbilment ghall-ewwel aggravju tal-appell principali, ossia li l-evalwazzjoni tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti ma ghandhiex tigi disturbata sakemm ma jirrizultax li din kienet manifestament zbaljata jew ghal ragunijiet serji.

33. Huwa evidenti illi l-ilment tal-konvenut ma huwa bbazat fuq xejn ghajr il-fatt illi l-ewwel Qorti ghazlet li temmen il-verzjoni attrici dwar dawn l-incidenti u mhux il-verzjoni tieghu. Tosserva wkoll illi l-konvenut ma offra ebda spjegazzjoni kwalsiasi ghaliex din il-Qorti ghandha tiddisturba din il-konkluzjoni. Irid jinzamm ferm illi specjalment f'kawzi ta' separazzjoni personali, il-Qorti spiss tkun rinfaccjata b'verzjonijiet kompletament kontrastanti. Fis-sentenza li tat fl-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza **Xuereb et v. Gauci et,** il-Qorti tal-Appell Inferjuri ittrattat il-konflitt ta' provi fil-kamp civili billi qalet hekk:-

> "Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: 1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; 2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".

34. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha **George Bugeja v. Joseph Meilak**[33] qalet in propositu, illi:-

> "Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati talhajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal- probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

35. Jinghad illi fil-kamp civili, il-Qorti trid tiddeciedi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet billi tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabbiltajiet, sabiex *"b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo".*[34]

36. Din il-Qorti ezaminat il-provi voluminuzi mressqin mill-partijiet dwar l-episodji ta' vjolenza deskritti mill-attrici, ukoll hija propensa li temmen il-verzjoni attrici. Ma tistax twarrab il-fatt li x-xhieda tal-attrici fir-rigward, hija wisq dettaljata u preciza kif ukoll sorretta minn rapporti lill-Pulizija u mix-xhieda, fost ohrajn, ta' ohtha Vicky Cali li kienet midhla sew tad-dar matrimonjali tal-partijiet u kienet xhud ta' diversi episodji u

[33] Deciza fit-30 ta' Ottubru 2003.

[34] **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, Appell Inferjuri, deciz 17 ta' Marzu 2003.

litigji bejn il-partijiet. Din ix-xhud xehdet b'mod ferm konsistenti, sew permezz ta' Affidavit kif ukoll viva voce in kontro-ezami fejn regghet iddeskriviet l-imgieba vjolenti tal-konvenut fil-konfront ta' wliedu.

37. Barra minn hekk, ix-xhieda tas-Surgent Jesmond Cremona tikkorrobora pjenament il-verzjoni attrici dwar l-incident fejn il-konvent xehet flixkun lejn wahda minn ulied minuri tal-partijiet. Minn ezami tal-assjem tal-provi mressqa dwar dan l-episodju, ma tistax ma tigix osservata l-kontradizzjoni netta bejn, min-naha l-wahda il-verzjoni tal-konvenut dwar dan l-incident fl-affidavit tieghu, fejn spjega kif huwa tefa' l-flixkun lejn is-saqaf izda spicca waqa' fuq ras bintu, u min-naha l-ohra l-verzjoni minnu moghtija lis-Surgent Cremona fejn il-konvenut fisser li bintu spiccat intlaqghet mill-flixkun ghaliex kienet hi stess li ccaqalqet u giet fil-mira tal-flixkun, u mhux ghaliex hu tefa' l-flixkun biex jolqot lilha.

38. Mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti bhall-ewwel Qorti qabilha, ma hijiex konvinta mill-kredibbilita` tal-verzjoni konvenut dwar il-fatt li qatt ma hedded jew kien vjolenti kontra martu u t-tfal, u tqis illi m'hemmx lok li tigi disturbata l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li huwa hati ta' vjolenza u theddid.

39. Ghaldaqstant, dan l-aggravju qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

40. Il-konvenut jilmenta illi l-attrici ma messitx inghatat dritt ta' abitazzjoni fid-dar matrimonjali ghaliex dan il-fond, li ilu jghix fih minn mindu twieled, jinsab ghandu b'titolu ta' kera u l-attrici dahlet tghix hemmhekk biss meta harget tqila bl-ewwel wild taghhom. Jghid ukoll li l-attrici ghandha postijiet ohrajn fejn tista' tghix u ftit snin ilu wirtet porzjoni ta' art gewwa l-Mosta.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

41. Huwa manifest illi l-ewwel Qorti mxiet b'mod ferm kawt u meqjus qabel hadet id-decizjoni li, abbazi tal-Artikolu 55A tal-Kodici Civili, taghti lill-attrici dritt ta' abitazzjoni fuq parti mill-fond gia` matrimonjali sakemm l-izghar fost ulied il-partijiet jaghlaq l-eta` ta' tmintax-il sena. Din id-decizjoni l-ewwel Qorti haditha tabilhaqq wara li hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-fatt illi dan il-fond huwa komodament divizibbli f'zewg units bl-entrata u l-bieb ta' barra biss li huma komuni, illi l-konvenut ilu diversi snin ormai jabita fil-parti ta' fuq tal-fond filwaqt li l-attrici u t-tfal jghixu fil-parti t'isfel, u d-diffikolta` fic-cirkostanzi li tinsab residenza ohra li takkomoda lill-attrici b'hamest itfal.

42. Ghalkemm din id-decizjoni kienet motivata essenzjalment u fuq kollox mill-ahjar interess ta' wlied il-partijiet, liema interess gie kkonstatat li jesigi li l-ulied jibqghu jirrisjedu ma' ommhom l-attrici f'dan il-fond, huwa evidenti illi l-ewwel Qorti ma naqsitx milli tiehu qies ukoll tal-adulterju tal-attrici kif ukoll tal-fatt li l-fond *de quo* jinsab ghand il-konvenut b'kirja li hija parafernali tieghu. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha fl-assjem taghhom ixejnu kompletament, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-aspett ta' dan l-aggravju tal-konvenut li huwa msejjes unikament fuq il-fatt li l-fond jinsab ghand il-konvenut b'titolu li huwa parafernali tieghu.

43. Rigward l-aspett l-iehor ta' dan l-aggravju, cioe` li l-attrici ghandha postijiet ohrajn fejn tmur tghix flimkien ma' wlied il-partijiet, din il-Qorti tosserva illi din hija biss allegazzjoni li ghamel il-konvenut li, madanakollu, baqghet mhux ippruvata. Mill-atti ma jirrizultax li l-attrici qatt stqarret li ghandha akkomodazzjoni alternattiva; hi pjuttost cahdet din l-allegazzjoni specifikatament fl-affidavit ulterjuri taghha. Lanqas jirrizulta oggettivament mill-provi li jezisti xi allogg alternattiv ghall-attrici u uliedha. Wara kollox, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi kien il-konvenut stess illi fil-konkluzjoni tal-Affidavit tieghu[35], ghamel is-segwenti dikjarazzjoni:-

[35] Ipprezentat fl-10 ta' Gunju 2013.

> "I live upstairs on one floor while she has the ground floor and the first floor all to herself. This way I can see the children on a daily basis."

44. Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda fondament f'dan l-aspett tat-tieni aggravju tal-konvenut, u ma ghandhiex ghazla hlief illi tichdu.

*It-Tielet Aggravju*

45. Il-konvenut jilmenta illi l-quantum tal-manteniment iffissat mill-ewwel Qorti fs-somma ta' €150 fix-xahar ghal kull wild, huwa gholi wisq. Jghid illi bid-dhul tieghu li jikkonsisti f'beneficcji socjali fis-somma ta' cirka €177 fil-gimgha, ma jistax jlahhaq mal-pagamenti mensili.

46. Din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju ghandu mis-sewwa. Ghalkemm tista' tifhem li l-attrici qatt ma hadmet ghaliex kellha trabbi hamest itfal, illum is-sitwazzjoni hija differenti. Ma jistax jigi mwarrab il-fatt illi tnejn minn ulied il-partijiet illum huma maggorenni filwaqt illi ohra ghandha sbatax-il sena. Huwa minnu illi l-izghar tnejn fost ulied il-partijet ghad ghandhom l-eta` ta' tlettax-il sena u ghaxar snin rispettivament, izda huwa minnu wkoll illi fic-cirkostanzi, xejn ma josta li l-attrici, li mill-provi jirrizulta li qatt ma ddejqet thalli t-tfal mal-konvenut jew ma' terzi anke biex tipprattika d-delizzji taghha u biex tohrog filghaxija sas-sighat bikrin ta' filghodu, tfittex xoghol almenu fuq bazi

*part-time* biex tissupplimenta d-dhul taghha u tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedha in linea, wara kollox, mal-obbligu taghha bhala genitur.

47. Huwa relevanti wkoll fir-rigward il-fatt li l-konvenut bilkemm seta' jlahhaq mal-pagamenti tal-manteniment *pendente lite*, anke meta dan kien inqas mill-ammont minnu dovut skont is-sentenza appellata[36], tant illi maz-zmien akkumulaw arretrati ta' manteniment fis-somma komplessiva ta' €5,235 liema arretrati l-konvenut gie ordnat li jhallashom fis-sentenza appellata.

48. Finalment, din il-Qorti tosserva li l-konvenut ma jistax jigi mgieghel ihallas in linea ta' manteniment, somma oghla minn dik li attwalment jippercepixxi bhala dhul. L-attrici baghet qatt ma kkontestat effettivament id-dhul tal-konvenut jew imqar allegat, wisq anqas ressqet xi provi, li huwa ghandu xi dhul ulterjuri oltre l-beneficcji socjali li jirrizulta mill-provi li jippercepixxi fil-gimgha. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ssibha difficli ferm tara kif il-konvenut jista' jlahhaq mal-pagament komplessiv ta' €750 fix-xahar, meta jirrizulta inkontradett illi l-introjtu tieghu huwa inferjuri minn hekk. Barra minn hekk, din il-Qorti lanqas tista' twarrab il-fatt illi tenut kont tal-eta` tal-konvenut, li llum ghandu 61 sena, il-prospett li huwa jsib xoghol fiss ahseb u ara bi dhul li jeccedi l-

[36] Digriet moghti pendente lite fis-somma komplessiva ta' €699 fix-xahar.

paga minima, huwa wiehed fqir. Pjuttost, huwa wisq ovvju li l-konvenut qieghed javvicina sew l-eta` tal-irtirar u ghalhekk id-dhul tieghu ser ikompli jonqos.

49. Fl-assjem tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz, anke mehud kont ukoll tal-fatt li l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti jinkorpora fih sehem il-konvenut mill-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-ulied, din il-Qorti thoss illi likwidazzjoni ta' quantum tal-manteniment li jeccedi d-dhul ta' min huwa obbligat li jivversa l-manteniment, ma hijiex f'lokha. Filwaqt li tifhem il-qaghda finanzjarja prekarja ta' din il-familja, ma tista qatt tippermetti li diffikoltajiet finanzjarji ta' parti wahda jigu rizolti jew imtaffija billi jigu imposti oneri eccessivi u ingusti fuq, u kwindi tarreka pregudizzju lil, parti l-ohra. Kif gia` osservat, huwa doveruz fuq l-attrici wkoll li tmidd idejha u ma tibqax tistenna l-mirakli u li jitwettaq l-impossibbli, specjalment fic-cirkostanzi odjerni fejn kjarament zewgha ghalkemm ilu jirriskontra diffikoltajiet fid-dhul tieghu ghal diversi snin, qatt abdika mid-dover tieghu li jfittex xoghol u li jipprova jaqla' x'jiekol ghall-familja, ghalkemm mhux dejjem bl-istess grad ta' success.

50. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, ma jirrizultax mill-provi jekk it-tliet ulied il-kbar tal-partijiet ghadhomx jistudjaw jew inkella jahdmu bi qligh u jekk, allura, jikkontribwixxu b'xi mod lill-bzonnijiet tad-dar fejn jghixu mal-attrici. Ferm il-premess, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li, kif gie redatt

il-kap tas-sentenza appellata dwar l-obbligu tal-konvenut ghall-hlas ta' manteniment ta' uliedu, jista' jkun il-kaz li huwa jkollu jhallas manteniment ghal dawk uliedu maggorenni li, ghalkemm ghadhom ma lahqux l-eta` ta' 23 sena, ma ghadhomx jistudjaw u lanqas ikunu qed jahmdu bi qligh.

51. Mimzum ferm dak kollu fuq premess, din il-Qort tqis illi l-quantum tal-manteniment stabbilit mill-ewwel Qorti ghandu jitnaqqas billi mis-somma ta' €150 fix-xahar ghal kull wild, dan ikun fis-somma ta' mija u ghoxrin Euro (€120) fix-xahar ghal kull wild, f'liema somma hemm komprizi l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni u tibqa' tithallas sakemm il-wild jaghlaq l-eta` ta' tmintax-il sena jew, f'kaz li l-wild jibqa' jistudja fuq bazi full-time, sakemm jaghlaq l-eta` ta' 23 sena jew sakemm itemm l-istudju tieghu fuq bazi full-time, skont liema avveniment isehh l-ewwel.

52. Ghal dawn ir-ragunijiet, u it-tielet aggravju tal-konvenut in kwantu huwa fondat, qed jigi milqugh u l-manteniment li ghandu jhallas ghal uliedu qed jigi varjat fis-sens hawn fuq imfisser.

*Ir-Raba' Aggravju*

53. Permezz tar-raba' aggravju tieghu, il-konvenut jilmenta illi l-ewwel Qorti ma ordnatx ir-rifuzjoni tal-manteniment li huwa lahaq hallas lil martu ghaliha nnifisha, ghalkemm gie konstatat li hija kkommettiet

adulterju u ddekadiet mid-dritt li titlob u tircievi manteniment ghaliha. Permezz ta' digriet datat tat-28 ta' Lulju 2010, il-konvenut kien ordnat li jhallas lill-attrici pendente lite s-somma ta' €233 fix-xahar.

54. L-attrici da parti taghha, issostni li peress li s-sentenza appellata ma ffissat ebda data li minnha l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, il-konvenut ma jistax jitlob ir-rifuzjoni tal-hlas li huwa lahaq wettaq.

55. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konvenut. Ghalkemm huwa jitlob ir-rifuzjoni tal-ammont imhallas in linea ta' manteniment ghal martu sa mid-data tad-digriet li ordnatu jmantni lil martu, din it-talba kienet tkun f'lokha kieku gie stabbilit li l-attrici kienet diga` hatja ta' adulterju f'dik id-data jew talanqas, f'data ohra sussegwenti li tistabbilixxi l-parametri tad-dritt tieghu li jitlob ir-rifuzjoni tal-hlas relattiv.

56. Madanakollu, l-adulterju tal-attrici gie konstatat fis-sentenza appellata minghajr ebda referenza ghal dati u dettalji ohrajn relevanti ghad-dekadenza taghha ghall-finijiet tal-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplati mill-Artikolu 48. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, anke fin-nuqqas ta' talba da parti tal-konvenut fir-rikors tal-appell tieghu li tigi stabbilita d-data meta l-attrici ghandha tigi meqjusa li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma ghandhiex tqajjem dan

il-pregudizzjali *moto proprio* u tghaddi biex tiddefinixxi hija stess il-parametri tal-jedd tal-konvenut li jitlob xi rifuzjoni ta' dak minnu mhallas lill-attrici ghal jedd li sussegwentement tilfitu. Fuq kollox, din il-Qorti tifhem li fin-nuqqas ta' konstatazzjoni ulterjuri fir-rigward, l-attrici ghandha titqies li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju b'effett mid-data tas-sentenza appellata, b'mod li d-dekadenza tal-jedd taghha ghall-manteniment hija operattiva mid-data tal-istess sentenza, u mhux xi data anterjuri mhux stabbilita.

57. Konformament mal-premess, dan l-aggravju tal-konvenut ma huwiex fondat u ghandu jigi respint.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tichdu in toto, bl-ispejjez tal-istess appell jigu sopportati interament mill-attrici.

In kwantu ghall-appell incidentali tal-konvenut, il-Qorti tilqghu in parte u tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li l-konvenut ihallas manteniment ghal uliedu fis-somma ta' mija u ghoxrin Euro (€120) fix-xahar ghal kull wild, liema somma tinkludi l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni u tibqa' tithallas sakemm il-wild jaghlaq l-eta` ta' tmintax-il sena jew, f'kaz li l-wild jibqa' jistudja fuq bazi *full-time*, sakemm jaghlaq

l-eta` ta’ 23 sena jew sakemm itemm l-istudju tieghu fuq bazi *full-time*, skont liema avveniment isehh l-ewwel. Tichad l-appell incidentali in kwantu ghall-bqija, bl-ispejjez tal-istess appell incidentali jithallsu mill-konvenut in kwantu ghal tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) u in kwantu ghar-rimanenti kwart ($^{1}/_{4}$), mill-attrici.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df